MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2013

Numru. 610/2013

**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**
**VS**
**IVAN GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ivan Galea ta' 38 sena, bin David Galea u Maria Assunta Galea nee' Vella, mwieled Pieta' fil- 5 ta' Ottubru 1974, residenti Blk A, Flat 8, Triq San Nikola Valletta, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 500774M;

Talli;
1) Nhar is- 27 ta' April 2013 ghall-habta ta' bejn l- 4.30pm u s-6.00pm fi Triq Telghet Gwardamangia, Pieta' minn go vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni BBP 897 ikkommetta serq ta' diversi oggetti

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-hgiega tal-bieba tal-imsemmija vettura liema hsara ma' tiskorrix €1,116.47 imma izjed minn €23.29;
3) Aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------